MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 392/2008

**Go Plc (C22334)**
**Vs**
**Maria Teresa Micallef (ID574857M) u**
**Highflyer Services Limited (C20232)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba ta-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas t'elefejn hames mija u wiehed u hamsin ewro u tnejn u disghin ewro centezmi (€2,551.92) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuti lis-socjeta' attrici Go Plc in konnessjoni ma' zewg servizzi telefonici li jgibu in-numru 807869 u 805100 skont kif jirrizulta mid-dokumenti markati 'IZY,1,2,3,4,5 u 6.'

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jghaddu ghal hlas izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notfikati u l-anqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem dan it-Tribunal.

Ra li l-konvenuti naqsu li jidhru ghas-seduta tal-lum.

Ra li gie pprezentat kapitolu fis-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt illi l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuti naqsu li jikkontestaw il-kawza.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------